MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 110/2005/1

**Avviz Numru: 110/2005CSH**

**John Mary Bartolo (I.D. 29433M)**

**vs**

**Water Services Corporation**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-12 ta’ Jannar 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***“Il-Qorti:-***

*Rat l-avviz pprezentat mill-attur fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallsu s-somma ta’ elfejn, erba’ mija u tletin liri Maltin (Lm2,430) danni subiti minnu kagun ta’ far tad-dranagg li skula ghal gor-raba’ tal-*

*istess attur, liema operat jaqa' taht ir-responsabilita` tal-Korporazzjoni konvenuta, u liema ammont kien gie ccertifkat mid-Dipartiment tal-Agrikoltura (Sezzjoni Raba' u Ilma) bhala danni gust u ragonevoli wara nvestigazzjoni li kienet saret – kopja tac-certifikat relattiv gia giet mghoddija lill-Koporazzjoni konvenuta permezz t'Ittra Legali.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Ittra Legali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju 2004, u tal-Ittra Ufficjali tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2004, bl-imghax ikkalkolat mid-data tal-imsemmija Ittra Ufficjali kontra l-Korporazzjoni konvenuta li hija ngunta 'n subizzjoni.*

*Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-*

*1. "Illi l-attur jehtieg li jindika meta u fejn sar l-allegat hrug ta' dranagg li b'konsegwenza tieghu l-istess attur garrab id-danni minnu allegati.*

*2. Illi ghalhekk l-istess Korporazzjoni tirriserva d-dritt li tippresenta eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, wara li l-istess attur jindika tali zmien u lok.*

*3. Illi fin-nuqqas ta' tali ndikazzjoni, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.*

*4. Illi fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri".*

*Illi nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2006 xehed l-**attur John Mary Bartolo** fejn qal li huwa ghandu raba' l-Ghadira mgharuf bhala l-Qammiegh. Jikkalkula li bhala kejl ghandu madwar tomna u sighajn u fihom kellu imhawwel xi erba' mitt dielja. Qal li hemm sistema tad-dranagg li taqdi l-lukanda bl-isem 'Mellieha Hotel' u xi kultant din is-sistema tad-dranagg tfur, u meta ifur, id-dranagg imfawwar imur fl-ghalqa tieghu u jinfirex mar-*

*raba' kollu. Ikkonferma li xi sena u nofs qabel ma xehed, d-dranagg li huwa velenu, far u bhala rizultat ta' dan, d-dwieli mietu. Ikkonferma wkoll li kien hemm okkazzjoni ohra wara dan l-incident, meta d-dranagg rega' far. Huwa gab lil Toni Borg li huwa rapprezentant mid-Dipartiment tal-Agrikoltura, sabiex jara d-danni li sofra u sabiex jaghmillu stima tal-hsarat. Huwa esebixxa din l-istima li tammonta ghal Lm2,430, liema stima giet markata bhala Dok. "JMB 1" (fol. 12).*

*Spjega li meta johrog id-dranagg, dan johrog minn fejn ir-razzett tal-Qammiegh, li huwa tal-Gvern, u sussegwentement jghamlu rapport u n-nies imorru sabiex jirrangawh meta jkollha l-flus. Fisser li l-kawza odjerna kien qed jaghmilha 'n konnessjoni mal-hsarat li sofra fis-sena 2002.*

*Jghid li wara li kien ircieva l-istima, huwa mar ghand Paul Gatt, li jahdem mad-Dipartiment tad-Dranagg, bil-ghan li jithallas tad-danni li sofra, pero` kien ghal xejn, ghaliex qallu biex jikteb ittra bl-avukat. Huwa hekk ghamel, izda sar jaf li l-Gvern ma jridx ihallsu.*

**Charles Borg** *xehed nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2007 u kkonferma li huwa ghandu raba' fil-vicinanzi tal-attur u fil-fatt, del resto anke juza l-istess passagg li juza l-attur. Mistoqsi jekk jafx xi haga dwar il-problema tad-dranagg fl-ekwati, jghid li huwa ghandu spiera u d-Dipartiment tas-Sahha kien waqfu milli jaghmel uzu minnha ghaliex kienet kontaminata u ghalhekk kellu jieqaf milli jesponi l-prodott tieghu fis-suq. Qal ukoll li kien hemm xi problema fil-katusi li kienu tal-asbestos u li minnhom kien jghaddi d-dranagg. Dwar il-katusi li kienu jghaddu mill-ghalqa ta' John Mary Bartolo jghid li d-dranagg kien jizbroffa minn fuq u jibqa' niezel fil-passagg u parti minn dan id-dranagg, kien jidhol fl-ghelieqi ta' John Mary Bartolo. Qal li dan kien jarah b'ghajnejh u gieli lanqas ikunu jistghu jghaddu minn hemm kagun tad-dranagg li jkun hiereg.*

*Mistoqsi x'kellu bhala prodott fil-wicc tar-raba' meta far dan id-dranagg kollu fis-sena 2002, ix-xhud jghid li kellu*

*dwieli u dawn bdew jidbielu minhabba il-kwantita` t'ilma li kien hemm fl-ghalqa. Jghid li huwa kien gie kkumpensat fuq il-kwistjoni tal-ispiera, pero b'out of court settlement. Qal li kien mar xi rapprezentant mill-Ghammieri, ghamel stima u huwa accettha minnufih u sussegwentement kien thallas mid-Dipartiment tad-Dranagg.*

***Felix Fenech** xehed fl-sitess jum tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2007 fejn ikkonferma li ghandu bicca raba' li tmiss mal-proprjeta` tal-attur. Ikkonferma li kien jaf bil-hsarat li kellu l-attur fil-proprjeta` tieghu, minhabba d-dranagg li kien niezel mill-proprjeta` ta' fuq. Qal li d-dranagg dam niezel granet kien qisu u fil-fatt l-prodott, li kellu hu konsistenti f'qarabali, mietulu wkoll. Jghid li pero` ghal kumpens ma kienx applika. Jispjega li d-dranagg hareg mill-pajpijiet. Jghid li sa fejn jiftakar hu, dan l-incident sehh fis-sena 2002.*

***Fiona Grech** xehdet in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u dan fil-hmistax (15) ta' Novembru 2007. Hija esebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. 'Z' li huwa kopja formali tad-dokument esebit fl-atti a fol. 32. Ikkonfermat li din hija l-istima li harget mid-dipartiment wara li saret spezzjoni fl-ghalqa proprjeta` tal-attur. Qalet li*
*din l-istima tirrifletti d-danni li sofra l-attur minhabba s-sewage over flow li grat l-Ghadira. Hija kkonfermat il-kontenut ta' din l-istima ghaliex kienet hi li ezaminat l-oggetti msemmija fl-istima. Qalet li effettivament l-attur kellu hsarat ohra li graw matul is-snin u kien intitolat ghal kumpens ghola.*

*Illi in kontro-ezami nhar is-26 t'Ottubru 2010 ix-xhud giet mitluba sabiex tispjega ghaliex l-istima esebita hi maqsuma fi tnejn u hija spjegat li wisq probabbli din harget hekk ghaliex l-ghalqa kienet maqsuma fi tnejn. Ikkonfermat ukoll li l-attur kien ilu jsofri hsarat fl-ghalqa tieghu bhala rizultat tal-hrug tad-drenagg. Ikkonfermat li waqt l-ispezzjoni nnotat li kien hemm hafna dwieli mejta meta suppost li dawn kienu fil-prime taghhom stante l-perijodu tal-access. Qalet li kienet certa, min-numru tad-dwieli li kien hemm mejta, liema dwieli li ma setghux*

*jergghu jiehdu il-hajja. Qalet ukoll li l-hsara kienet limitata ghal dak li rat dakinhar tal-ispezzjoni.*

*Qalet li d-dwieli li kienu mejta ghal zmien twil kienu jidhru, kif ukoll kienu jidhru dawk li kienu ghadhom kif mietu. Kompliet li dwieli fl-ghalqa mertu tal-kawza kien hemm aktar minn hames mija. Ikkonfermat ukoll li l-area in kwistjoni hija suxxettibbli ghall-hsarat kagunati mill-problema tad-drenagg. Qalet li l-istima li tat kienet aktar baxxa min-normal.*

*Illi nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar 2008 is-socjeta` konvenuta pprezentat nota t'eccezzjonijiet ulterjuri fejn eccepiet is-segwenti:-*

*"Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16) stante li d-danni reklamati mill-attur, jirrisalu ghal aktar minn sentejn qabel ma gie pprezentat l-avviz ta' din il-kawza u ma jirrizulta ebda att li permezz tieghu giet interrotta l-imsemmija preskrizzjoni biennali.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

*Illi nhar is-sittax (16) ta' Gunju 2008 xehed* ***Paul Gatt*** *in rapprezentanza tad-Dipartiment tad-Dranagg, maghruf bhala Water Services Corporation. Jghid li lill-attur ma jafux, ghalkemm jaf dwar il-kaz li ghandu pendenti. Jghid li jiftakar li kien mar ikellmu u li sahansitra kien anke kiteb lid-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex jaghtuh stima tal-hsarat li kellu fil-prodott tieghu. Jghid li l-ewwel darba li kien mar ikellmu, kien f'Settembru 2002. Huwa jghid li una volta kien ircieva l-istima, kien ivverifika li verament kien hemm over flow, li f'dan il-kaz kien hemm. Jghid li mhux kompitu tieghu sabiex jara jekk l-istima li jircievi, hix korreta jew le dwar il-quantum. Jghid li min hu responsabbli fuqu li verament kien hemm hrug ta' dranagg u li vermanet il-prodott ta' dak li jkun jkun gie affettwat b'dan il-hrug ta' dranagg.*

*Jghid li jiftakar li fl-erbatax (14) ta' Mejju 2003 id-Direttur ta' Dipartiment tad-Dranagg kien kiteb lid-Direttur tad-*

*Dipartiment tal-Agrikoltura u qallu li fil-fehma tieghu, d-dwieli ma kienux kollha mejta u ghalhekk ma kienx qed jaqbel mal-istima mahruga minnu. Huwa esebixxa kopja ta' din l-ittra li l-Qorti mmarkat bhala Dok. 'Z'. Maghha esebixxa wkoll korrispondenza ohra li giet skambjata fuq il-kwistjoni. Jikkonferma li l-attur kien mar ikellmu diversi drabi dwar din il-pendenza. Jikkonferma li huwa m'ghandux l-awtorita` jghid jekk id-dipartiment hux ser jaghmel pagament jew le.*

*Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-attur pprezentata nhar is-sebgha (7) t'Ottubru 2008 u dik pprezentata mis-socjeta` konvenuta nhar l-erbgha (4) ta' Frar 2009.*

*Rat is-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet premessi nhar is-17 ta' Frar 2009 fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.*

*Rat li nhar il-25 ta' Frar 2010 xehed l-attur* ***John Mary Bartolo*** *li qal li kellu mal-erba' mitt dielja, li kien hadem hafna biex kabbarhom. Qal li dawn principalment kien ikabbarhom biex jittieklu jew ghall-ghasir.*

*Rat ix-xhieda ta'* ***Maria Bartolo*** *ta' nhar id-29 ta' Marzu 2010 fejn qalet li fis-sena 2002 meta kien hemm is-sewage overflow, zewgha kien diga' pensjonant. Ikkonfermat li kellhom 'il fuq minn erba' mitt dielja u li zewgha ghandu ktieb tar-raba'. Ziedet li huma kienu familja kbira u kienu jghixu mir-raba', u dawn id-dwieli kienu parti mid-dhul taghhom. Qalet li ghalkemm kienu juzaw hafna mill-gheneb ghalihom personali, kienu jbieghu minnu wkoll, u kull sena kien ikun hemm xi dhul minnu. Ma kinitx taf tghid jekk kienux irregistrati mal-VAT u stqarret li m'ghandhiex ricevuti ta' meta kienu jbieghu l-gheneb u lanqas dokumenti li juru kemm kienu jaghmlu qliegh mill-bejgh tal-gheneb, peress li huma kienu jbieghu fid-djar.*

*Ikkunsidrat ulterjorment:*

*Illi ghalhekk issa jispetta lill-Qorti sabiex tghaddi u tezamina l-eccezzjoniiet l-ohra mressqa mill-Korporazjoni konvenuta, liema eccezzjonijiet jolqtu l-mertu. Il-korporazzjoni konvenuta sostniet li l-attur ghandu jipprova li huwa sofra danni bhala rizultat ta' drenagg.*

*Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet* ***Joseph Tonna vs Philip Azzopardi*** *deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras dwar x'tip ta' prova ghandu jressaq l-attur biex jissodisfa l-Qorti dwar il-grad ta' prova fejn inghad illi:*

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament*
*guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577.*

*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi ddecizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

*Illi minn dak li xehed l-attur jirrizulta li kien hemm overflow ta' drenagg fl-Ghadira u bhala rizultat hafna mid-dwieli li kellu mietu. Huwa kien agixxa minnufih u kien gab rapprezentant tal-Ghammieri sabiex janalizza s-sitwazzjoni u jaghtih stima tal-hsarat li kellu. Ikkonferma fix-xhieda li ta nhar it-22 ta' Frar 2006 li d-drenagg hareg minn razzett li huwa proprjeta' tal-Gvern. Bhala fatt dan qatt ma gie kontestat u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra din ix-xhieda bhala fattur li ghena tistabilixxi ta' min hu t-tort, u cioe' ta' min hu responsabbli ghall-hsara li sofra l-attur.*

*Ir-rapprezentant tal-Ghammieri hareg stima nhar id-9 t'Ottubru 2002 (fol 12 Dok "JMB 1") fejn hemm indikat fiex tikkonsisti l-hsara u l-quantum tal-hsara. Dan id-dokument ma giex kontradett mill-Korporazzjoni Enemalta ghalkemm l-avukat difensur taghha ttenta jghid li l-ammont mitlub kien eccessiv.*

*L-attur ressaq xhieda ndipendenti sabiex jikkorroboraw dak li qal hu, u cioe' li l-hsara li kellu fl-ghelieqi tieghu kienet rizultat tad-drenagg. Ressaq lil Charles Borg, li ghandu l-ghelieqi vicin dawk tal-attur, u dan ikkonferma li kien jara d-drenagg diehel fl-ghelieqi tal-attur, u bhala*

*rizulta ta' dan kien jara d-dwieli tieghu jidbielu minhabba l-kwantita' ta' ilma qieghed li kien ikun hemm fl-ghelieqi. Felix Fenech ukoll jghid li kien jara d-drenagg ifur mill-ghalqa ta' fuq u jinzel ghal gol-ghalqa tal-attur. Stqarr ukoll li kien jaf li l-attur mitulu hafna minn dawn id-dwieli li kien hemm fil-proprjeta' tieghu proprju fejn kien jaqa' d-drenagg kollu.*

*L-attur ressaq ukol lil Fiona Grech tixhed in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Agrikotura u kkonfermat li l-istima esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok "JMB 1" a fol. 12 harget mid-dipartiment minnha rapprezentat wara li kienu marru xi rapprezentanti tad-dipartiment sabiex jaghmlu l-verifiki taghhom u tikkonkludi u tghid li effettivament kien intitolat ghal hafna aktar danni.*

*In vista ta' din ix-xhieda l-Qorti thoss li l-attur irnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjoni taghha li hija l-korporazzjoni konvenuta li hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur u stante li ma ngabet l-ebda prova kuntrarja ghal dak li gab l-attur dwar il-quantum, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li taccettaha stante li fic-cirkostanzi thoss li hija talba veritjera u ghandha ghalhekk tigi milqugha.*

***Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ndikata fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef sitt mija u sittin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€5660.37) ekwivalenti ghal elfejn erba' mija u tletin Lira Maltin (Lm2,430) u dan ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors promotur.***

***L-ispejjez kollha ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mill-Korporazjoni konvenuta, inkluz l-imghax li ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali prezentata nhar l-20 ta' Dicembru 2004.***

Rat is-sentenza tal-istess Qorti datata 17 ta' Frar 2009 fejn cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** u dan ghaliex skond l-istess Qorti tali preskrizzjoni giet interrotta bil-prezentata ta' ittra ufficjali

datata 28 ta' Gunju 2004, u ghalhekk ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu (ara sentenza a fol. 67 sa 77 tal-process).

Rat ir-rikors tal-appell tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma datat 1 ta' Frar 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata datata 17 ta' Frar 2009 billi tigi milqugha l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** u konsegwentement tithassar u tigi revokata wkoll is-sentenza appellata datata 12 ta' Jannar 2011.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' April 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' John Mary Bartolo (K.I.29433(M) datata 15 ta' Frar 2011 a fol 6 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 12 ta' Jannar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi (a) l-ewwel aggravju tal-Korporazzjoni appellanti huwa fis-sens li bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 17 ta' Frar 2009 giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153** ghaliex tali preskrizzjoni ta' sentejn giet interrotta permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Gunju 2004, meta fil-verita' qatt ma kienet spedita ittra ufficjali f'dik id-data mill-appellat lill-appellant u ghalhekk tali decizjoni hija *non sequitur* ghaliex f'dik id-data kull ma intbaghtet kienet ittra legali li ma tinterrompiex il-preskrizzjoni; (b) it-tieni aggravju huwa wiehed fil-mertu fis-sens li l-appellant qed jallega li ma giex ippruvat li l-appellant ikkawza d-danni allegati, ghaliex ma kienx hemm prova tal-istat tad-dwieli qabel ma far id-drenagg li kienet il-kawza tal-allegata hsara kkawzata fid-dwieli tal-attur.

Illi mis-sentenza citata tas-17 ta' Frar 2009, li brani taghha gew citati wkoll fir-rikors tal-appell, jirrizulta li l-Ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn hemm sollevata ghaliex inghad li hsara *"giet ikkagunata zgur qabel Ottubru 2002…"* u la darba giet prezentata ittra ufficjali fit-28 ta' Gunju 2004 *"w ghalhekk entro t-terminu ta' sentejn preskritti mill-ligi sabiex din it-talba tigi preskritta u* (l-attur) *pprezenta l-kawza odjerna fit-tnejn (2) ta' Marzu 2005 ukoll entro l-perjodu ta' sentejn minn meta giet prezentat l-Ittra Ufficjali……mela ………..*(l-attur ipprova) *li effettivament kien hemm interuzzjoni fil-perjodu preskrittiv permezz tal-prezentata tal-ittra ufficjali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju 2004".*

Illi jirrizulta anke mill-Avviz Numru 110/05 datat 2 ta' Marzu 2005 li fid-data ndikata tat-28 ta' Gunju 2004 kull ma gie spedit mill-attur kontra l-Korporazzjoni konvenuta kienet biss ittra legali, u din ma tinterrompiex il-preskrizzjoni. L-unika ittra ufficjali msemmija hija dik datata 20 ta' Dicembru 2004, la darba l-allegata hsara saret qabel Ottubru 2002 (data tal-istima), giet allura pprezentata wara li ghadda t-terminu ta' preskrizzjoni ta' sentejn indikat fl-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** ghall-azzjoni ta' danni. Fil-fatt fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur datata 7 ta' Ottubru 2008 saret biss riferenza ghall-ittra ufficjali datata 20 ta' Dicembru 2004, u jidher li n-nota giet

ippermjeta fuq allegata ammissjoni tad-debitu da parte tal-Korporazzjoni intimata, u dan gie venement kontestat mill-istess Korporazzjoni appellanti permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha datata 4 ta' Frar 2009 (fol. 63).

Illi dan ifisser li tali decizjoni inghatat fuq premessa zbaljata li kien hemm ittra ufficjali datata 28 ta' Gunju 2004, ghaliex kull ma kien hemm f'dik id-data kien biss ittra legali li ma tinterrompiex il-preskrizzjoni; la darba l-hsara allegata saret qabel Ottubru 2002, u l-unika ittra ufficjali prezentata kienet dik tal-20 ta' Dicembru 2005, mela allura ma kien hemm ebda interruzzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex tali ittra ufficjali attwalment prezentata giet hekk prezentata wara t-terminu ta' sentejn mid-data meta allegatament sehhew id-danni, u ghalhekk f'dan il-kuntest l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** kellha tigi milqugha u fil-fatt qed tigi milqugha.

Illi ghall-kompletezza issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **"Carmelo Borg vs George Borg"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2008) fis-sens li hemm diversi modi kif l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' tigi ribattuta u dan jinkludi:-

(a) l-inapplikabilita' ghall-mertu tal-kaz tal-preskrizzjoni specifika, li fil-verita' ma gietx koltivata mill-attur, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax hlief tieqaf hawn ghaliex hija ma tistax *marte proprio* tindahal fid-difiza tal-parti u tissuggerixxi x'messha kienet il-preskrizzjoni applikabbli ghall-fattispecie tal-kaz. (**"Austin Psaila vs Lothat Slabick"**).

(b) Is-sospensjoni.

(c) L-interuzzjoni jew billi l-attur jiddemonstra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (**artikolu 2128 tal-Kodici Civili**) jew billi juri ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li b'certa attitudini tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi l-inkompatibilita' l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni konstitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni,

u fil-fatt dan huwa previst skond l-artikolu **2133 u 2134 tal-Kap 16**.

Illi r-rikonoxximent stabbilit mill-indikat **artikolu 2133** javvera ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika ammissjoni ta' l-esistenza tad-dritt, u dan jinkudu l-weghda tal-hlas u t-talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, apparti dan kontenut fl-artikolu 2134 ghall-hlas akkont. Din il-prova trid issir mill-attur ghaliex huwa qed jikkontrasta l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, u il-prova ta' rikonoxximent allegat mill-attur trid tkun cara u esplicita. (**"Albert Mizzi nomine et vs John Mousu' proprju et nomine"** – A. C. – 16 ta' April 2004).

Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-konvenut ma ressaq ebda provi, fil-waqt li jirrizulta mix-xhieda tal-attur li l-istess konvenut kemm il-darba rrikonoxxa li ghandu jaghti lill-attur u f'diversi okkazjonijiet weghdu li ser ihallas, haga li baqa' ma ghamilx minkejja l-ispedizzjoni ta' l-ittra legali u l-ittra ufficjali hawn imsemmi, li giet prezentata wara li skada t-terminu ta' preskrizzjoni.

Illi fil-fatt jidher li l-attur insista li kien hemm interruzzjoni ta' preskrizzjoni peress li l-Korporazzjoni ammettiet jew uriet li riedet tammetti r-responsabbilta' ghall-hlas ta' danni u hawn l-attur jirreferi ghall-ittra li Paul Gatt mill-Korporazzjoni baghat lil Tony Borg tad-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex jigi fornit lilu stima relattiva ghat-telf ta' dwieli minhabba li far id-dranagg li mar fl-ghelieqi tal-attur datata l-1 ta' Ottubru 2002. Izda din il-Qorti thoss li tali ittra ma tistax tigi kkunsidrata b'xi mod bhala ammissjoni da parte tal-Korporazzjoni li kienet ser thallas lill-attur jew li l-istess tista' tammonta ghall-ammissjoni tal-kreditu pretiz mill-attur, u dan ghaliex l-istess ittra la hija indirizzata lill-attur, u certament lanqas tghid dan, izda biss talbet stima tal-allegati danni reklamati u xejn izjed; minbarra dan Paul Gatt xehed fil-seduta tas-16 ta' Gunju 2008 u jghid li kien kiteb lid-Dipartiment tal-Agrikoltura u dan sabiex *"ituna assessment tal-hsarat li huwa kellhu fil-prodotti tieghu".* Mela allura din l-ittra ma tistax taht l-ebda cirkostanza titqies bhala ammissjoni. Mhux hekk biss, izda l-istess

xhud kien kategoriku meta qal li *"Jiena ma nidholx fil-kwistjoni jekk il-flus humiex dovuti jew le............L-awtorita' biex naccetta biex isir hlas jew le jiena m'ghandix. Qatt m'ghidtilhom li d-dipartiment kien se jhallashom ghax mhux responsabilita' tieghu. Kull m'ghidtilhom hu li ghamilt il-procedura normali fis-sens li mexxejt il-karti".* (fol. 50/51).

Illi minn dan kollu jirrizulta u qed jigi kkonfermat dak li gja inghad li meta giet prezentata l-kawza attrici fit-2 ta' Marzu 2005 l-azzjoni kienet preskritta abbazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16,** ghaliex ma kien hemm ebda ittra ufficjali pprezentata fit-terminu ta' sentejn hemm imsemmi li biha giet interrotta l-preskrizzjoni, u wkoll li ma kien hemm ebda raguni ohra li twassal ghall-interuzzjoni tal-istess preskrizzjoni, u la darba l-allegata hsara saret qabel Ottubru 2002, mela allura l-azzjoni hija preskritta u b'hekk din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza tas-17 ta' Frar 2009 u minflok tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2153** sollevata mis-socjeta' appellanti quddiem l-Ewwel Qorti, u konsegwentement thassar u tannulla d-decizjoni sussegwenti tal-istess l-Ewwel Qorti datata 12 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet premessi wkoll ghall-istess raguni ghaliex l-azzjoni hija hekk preskritta skond l-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** u b'hekk l-appell qed jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-appellanti datata 15 ta' Frar 2011, **tilqa' l-appell interpost mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fir-rikors tal-appell taghha datat l-1 ta' Frar 2011, u b'hekk qed tirrevoka u thassar ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi "John Mary Bartolo vs Water Services Corporation" (Avviz Numru 110/05) datata 17 ta' Frar 2009 u minflok tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni eccepita mill-Korporazzjoni appellanti/konvenuta li l-azzjoni attrici hija preskritta abbazi tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16, u**

**konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-istess ismijiet premessi datata 12 ta' Jannar 2011, u dan proprju ghaliex l-azzjoni attrici hija hekk preskritta skont l-artikolu 2153.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-attur/appellat John Mary Bartolo.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------